MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 18/2006

Il-Pulizija
(Spettur M'Stella Attard)

vs

Malcolm Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 230785(M) li hu akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, 2005 u cioé wara nzul ix-xemx f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jikkommetti serq minn gewwa residenza biswit il-hanut maghruf bhala 'Tad-Dawl Greens' li tinsab fi Triq il-Parocca, Haz Zebbug, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esekwit minhabba xi

haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-mezz, u l-hin;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra minn gewwa l-hanut maghruf bhala 'Tad-Dawl Greens' li jinsab numru 29, Triq il-Parrocca, Zebbug ghad-detriment ta' Raymond Micallef liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti serq ta' flus u sigaretti mill-'*vending cigarette machine'* li tinsab gewwa l-hanut fuq imsemmi, wera dan il-hsieb billi ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esekwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-mezz u l-hin;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Haz Zebbug volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn Lm10 izda anqas minn Lm50 Maltin meta ghamel hsara volontarja fil-hanut maghruf bhala tad-Dawl Greens Grocer f'Haz Zebbug ghad-dannu ta' Raymond Micallef;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 wara li nstab hati b'sentenza moghtija fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioé nhar l-10 ta' Mejju 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzat hu mixli b'serq u attentat ta' serq mill-hanut "Tad-Dawl Greens" Triq il-Parrocca Zebbug (Malta). Huwa wkoll akkuzat (bhala mezz ghal fini) ta' hsara volontarja li ma teccedix il-Lm50 u wkoll li recidiv.

L-akkuzat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda kien innega l-involviment tieghu fis-serq fl-istqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija jew ahjar kien ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi konnessi ma' dan is-serq.

Issa l-provi kontra l-akkuzat jikkoncentraw f'qbil ta' zewg impronti elevati minn fuq il-magna tas-sigaretti li kienet gewwa l-hanut mas-swaba tal-akkuzat. Fuq daqshekk hemm ix-xhieda skjetta u mhux kontrestata tas-SOCO u Joseph Mallia, ta' l-ahhar nominat minn din il-Qorti biex jaghmel il-komparazzjonijiet opportuni.

Minn dan il-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova a sodisfazzjon ta' din il-Qorti l-kaz taghha kontra l-akkuzat.

Ghalhekk issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 41, 261 (b)(c)(f), 325(c), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u wara li kkunsidrat l-fedina penali tal-akkuzat u l-età tieghu tiddeciedi li taghtih opportunita' ohra u qeghda ghalhekk tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum sakemm ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------